MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 653/2010

Vodafone Malta Limited (C 10865)

Vs

Sandra Grixti (ID 138388M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tliet mija hamsa u tletin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€335.87) minghand il-konvenuta in konnessjoni ma servizzi ta' internet rezi mis-socjeta attrici lill-konvenuta. Minkejja li l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes inluz dak ta mandat ta' sekwestru u ittra ufficjali numru 5173/09 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas s-somma ta' tliet mija hamsa u tletin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€335.87), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Katja Psaila Savona**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------